# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 379/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Nadia Lanzon)

vs

**Oliver Grima**

iben John, imwieled Pieta', fil-11 ta' Marzu, 1948, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 275948(M)

Illum, 16 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-appellant Oliver Grima quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2003, waqt li kien qieghed isuq il-vettura Honda Civic, bin-numru tar-registrazzjoni HAP487, fi Triq Ghar Dalam, Birzebbuga, fid-direzzjoni ta' Birzebbuga, b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' George John Grima li kien passiggier fl-istess vettura bi ksur tal-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuni ta' Abison Degiorgio minn Birzebbuga u Diane Grima mill-Awstralja, liema feriti huma kklassifikati bhala gravi per durata, hekk kif iccertifikaw Dr Kevin Zammit u Dr Claire Falzon mill-Casualty Department tal-Isptar San Luqa, bi ksur tal-Artikolu 226(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq il-vettura Honda Civic, bin-numru tar-registrazzjoni FAS231, ghad-dannu ta' Abison Degiorgio, illi fil-hin tal-incident kien ghaddej mid-direzzjoni opposta fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb, u dan bi ksur tal-Artikolu 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Awwissu, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 225, 226, u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista' tal-kondizzjoni medika tal-imputat, kif ukoll il-piena li gia' sofra li fil-fatt kien responsabbli ghall-mewt ta' habib tieghu, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ukoll ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien 5 snin wara li rat l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll multa ta' €5,000.

Rat ir-rikors tal-appellant Oliver Grima tad-9 ta' Settembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogghobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti tal-Magristrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija nhar it-28 ta' Awissu, 2013 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni u piena u/jew tvarja u tirriforma l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirigwarda l-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti bir-rispett ghamlet apprezzament zbaljat u zbilancjat tal-provi b'mod illi konsegwentement, erronjament waslet ghas-sejbien ta' htija.

Illi f'dan il-kuntest jinghad, f'dana l-istadju u jigi elaborat fil-kors tat-trattazzjoni li l-ewwel Qorti apprezzat erronjament l-aspett tal-"overtaking" u l-ispjegazzjoni dwar x'ikkaguna l-impatt.

Illi bir-rispett u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-feriti ma kienux tali li jigu kklasifikati bhala gravi fit-termini tal-artikolu 218.

Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost l-iskwalifika tal-licenzja maghmula mill-ewwel Qorti hija imsejsa fuq artikolu tal-Kap 9 li ma jipprovdix ghall-tali skwalifika.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suesposti l-piena inflitta, partikolarment l-iskwalifika tal-licenzja kienet eccessiva.

INSERT RISPOSTA TAL-AVUKAT GENERALI

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura

dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Ma tantx jista' jigi kontestat li l-appellant spicca fin-naha l-ohra tat-triq u kien hu li baqa' diehel gol-karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u kienet fuq il-kareggjata taghha. Fuq il-kwistjoni tal-'overtaking' din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti u ma ghndha xejn aktar x'izzid.

Illi dwar it-tieni aggravju, hu car li t-tobba nfurmaw lill-ewwel Qorti li l-feriti sofferti kienu gravi perdurata.

Illi dwar it-tielet aggravju dwar is-sospensjoni tal-licenza din il-Qorti ser tittempera l-erogazzjoni ta' dik is-sospensjoni billi fil-fehma taghha il-perjodu nflitt hu sproporzjonat.

Illi dwar ir-raba' aggravju dwar il-piena ghandu jinghad li dan il-perjodu hu wiehed fil-parametri tal-ligi izda minhabba t-trapass ta' zmien temperament huwa mishoqq.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Oliver Grima fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Oliver Grima. Il-perjodu tas-sentenza sospiza

ghandu jigi ridott ghal sena fuq medda ta' erba' snin. Tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000) u tissospendi l-licenza tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur mil-lum.